**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **L-EWWEL SENA** | **RELIĠJON** | **ĦIN: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**Isem:** ____________________________________ **Klassi:** __________

## TAQSIMA A **(20 marka)**

**Wieġeb fil-qosor.**

1. Minn offra lilu nnifsu biex ikun gwida ta' ħajjitna? (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

2. F'liema ktieb tal-Bibbja tissemma' Malta? (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Min kiteb dan il-ktieb tal-Bibbja li fih tissemma' Malta? (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Min kien jikkmanda l-Palestina fi żmien Ġesù? (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

5. F'liema belt tal-Palestina kien it-Tempju tal-Lhud? (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

6. F'liema jum tal-ġimgħa l-Lhud kienu jieqfu mix-xogħol? (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

7. X'kienu jagħmlu l-Lhud fis-Sinagoga nhar ta' Sibt? (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

8. Agħti l-ismijiet ta' l-erba' Evanġelisti. (4)

______________ ______________ ______________ ______________

9. Xi tfisser għal-Lhud il-Festa ta' l-Għid? (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

## TAQSIMA B **(24 marka)**

**Ħares lejn il-mappa tal-Palestina u wieġeb.**

1. Agħti l-ismijiet ta' tliet reġjuni ewlenin tal-Palestina. (3)

   ____________________ ____________________ ____________________

2. X'jisimha x-xmara li tgħammed fiha Ġesù? (2)

   ______________________________

3. Liema ġrajja importanti seħħet fuq il-muntanja Tabor? (2)

   ______________________________

4. Semmi l-post fejn Ġesù għamel l-ewwel miraklu. (2)

   ______________________________

5. Minn fuq il-mappa sib ħames postijiet u iktibhom hawn taħt.
   Ikteb tliet sentenzi fuq x'għamel Ġesù f'kull post li tagħżel.

   i. ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ (3)

   ii. ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ (3)

   iii. ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ (3)

   iv. ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ (3)

   v. ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ (3)

## TAQSIMA Ċ (22 marka)

**Aqra din s-silta mill-Bibbja u wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Il-bidwi li ħareġ jiżra'**

"Isimgħu. Darba kien hemm bidwi li ħareġ jiżra'. Ġara li huwa u jiżra', xi żerrigħat waqgħu fil-mogħdija; ġew l-għasafar u naqqruhom kollha.

Oħrajn waqgħu f'art kollha blat, fejn ma kienx hemm wisq ħamrija, u malajr nibtu, għax il-ħamrija ma kinitx fonda; meta mbagħad telgħet ix-xemx, inħarqu u nixfu, billi ma kellhomx għeruq.

Oħrajn waqgħu qalb ix-xewk; u x-xewk kiber u ħanaqhom u frott ma għamlux.

Oħrajn waqgħu f'art tajba u għamlu l-frott; frott li kiber u tkattar, u min għamel tletin, min sittin u min mija."

*(Mark 4,3-8)*

1. Xi tfisser parabbola?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

2. Għaliex Ġesù kien jgħallem bil-parabboli?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

3. Ma' min xebbaħ il-bidwi tal-parabbola Ġesù?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

4. a. Ikteb l-erba' postijiet li fuqha waqgħet iż-żerriegħa.

   i. ______________________

   ii. ______________________

   iii. ______________________

   iv ______________________ (4)

   b. X'ried ifisser Ġesù b'dawn l-erba' postijiet, u fejn waqgħet iż-żerriegħa?

   i. _______________________________________________

   ii. _______________________________________________

   iii. _______________________________________________

   iv _______________________________________________ (4)

5. X’tista tagħmel int biex il-kelma ta’ Ġesù ssir tafha aħjar?

____________________________________________________________________________________ (8)

## TAQSIMA D (20 marka)

**Fil-Evanġelju naqraw li kien hemm nies li emmnu u aċċettaw lil Ġesù waqt li oħrajn ma laqgħuhx.**

1. Ifred dawn in-nies bejn dawk li laqgħu lil Ġesù u dawk li ma laqgħuhx.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Pietru | Lazzru | Ġuda l-Iskarjota | Iċ-ċenturjun | Erodi |
| Fariżej | Żakkew | Marija | Ponzju Pilatu | Kajfa |

i. Dawk li laqgħuh:

ii. Dawk li ma laqgħuhx:

(5)

2. Fuq karta separata ikteb dwar **5 minn dawn in-nies** u fisser għaliex laqgħu jew ma laqgħux lil Ġesù. (15)

## TAQSIMA E (14-il marka)

**Fisser dawn is-sentenzi mill-Bibbja fuq karta separata.**

1. “Għandi ruħi mnikkta għall-mewt. Ibqgħu hawn u ishru miegħi.”
2. “Bewsa għażilt, Ġuda, biex tittradieh lil Bin il-Bniedem?”
3. “Ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art.”
4. “Imnejn ġieb dan il-għerf kollu? Dan m’huwiex il-mastrudaxxa, bin Marija?”
5. “Sliem għalik, mimlija bil-grazzja.”
6. “Tassew ngħidlek: illum tkun fil-Ġenna miegħi.”
7. “Missier aħfrilhom għax ma jafux x’inhuma jagħmlu.”

**TAQSIMA B**

# Il-mappa tal-Palestina

